# L-Istatwa ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Bormla



Jikteb Joseph R. Gatt

L-iskultur u disinjatur Abram Gatt (1863-1944) ħalla l-aqwa xogħlijiet tiegħu f'Bormla, fosthom l-istatwa ta' San Ġużepp. Din naqqaxha fl-1903, f'injam mixtri mit-Tarzna fejn kien jaħdem.

L-istatwa hija spirata mill-arti barokka u għad li Abram Gatt żamm l-istil tradizzjonali, ipprova jkun oriġinali. Hu ħadimha fuq disinn u abbozz tiegħu stess u għaraf inaqqaxha b'sengħa kbira f'qagħda u sura differenti minn dawk li s-soltu naraw. Iż-żewġ figuri ħdejn xulxin bl-isħab taħthom imserrħin fuq pedestall, disinn tiegħu wkoll u mdawwar b'erba' gastri. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp kisbet statwa għal qalbha.

Fil-5 ta' April 1903 l-istatwa ta' San Ġużepp kienet ġiet esposta għal xi jiem fil-Palazz ta' L-Esebizzjoni, li dak iż-żmien kien quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt. Kienet ġiet milqugħa tajjeb ħafna u ntgħoġbot minn kull min raha. Għall-merti li kiseb b'din l-istatwa Abram Gatt ġie mogħti midalja u ċertifikat mis-Soċjetà ta' l-Arti u Manifattura.

Il-Ħadd, 21 ta' Ġunju 1903, wara nofsinhar, l-istatwa kienu għaddewha b'dimostrazzjoni kbira mit-toroq prinċipali ta' Bormla akkompanjata mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla. B'ferħ kbir twasslet fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali fejn ġiet imbierka.



Minn ġurnali tas-snin 1909-1910 insiru nafu li bit-ħabrik tal-Prokurtur Salvu Gauci u xi devoti oħra, il-festa f'ġieħ San Ġużepp bidet tikber kull sena. Naqraw li l-knisja kienet tintrama mill-aħjar u l-Prof. Mro. Paolino Vassallo kien imexxi l-mużika tal-knisja. Il-Banda San Ġorġ kienet tagħmel programm fi *Piazza Antico Mercato* (illum Pjazza Paolino Vassallo).

## Festi Ċinkwantinarji – Ġunju 1920

F'għeluq il-ħamsin sena minn meta l-Papa Piju IX

pproklama lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali, f'Bormla kienu saru festi kbar. Il-knisja kienet armata sewwa u l-vara tqiegħdet taħt il-pavaljun tal-Kunċizzjoni. Fil-quddiesa kantata kien ħa sehem l-Arċisqof Mons. Mauro Caruana u fil-purċissjoni bil-vara kienu ħadu sehem ukoll il-Fratellanzi ta' San Ġużepp tal-Kalkara, ta' l-Isla, tal-Birgu, tal-Karmnu tal-Belt u tar-Rabat. Il-mużika tas-settena kienet f'idejn is-Surmast Paolo Vella u dik ta' nhar il-festa kienet tmexxiet mill-Prof. Mro. Paolino Vassallo. Kienu żżejnu t-triqat prinċipali u ħadu sehem ħames baned fosthom dik ta' San Ġorġ ta' Bormla.



*Messal ta' San Ġużepp, disinn tas-Surmast Abram Gatt*

## Tagħrif ieħor

Fil-gwerra l-vara ttieħdet f'Ħaż-Żebbuġ biex tkun imħarsa mill-qilla ta' l-għadu u f'nhar San Ġużepp, l-1 ta' Mejju 1957, festa ta' San Ġużepp Ħaddiem ittieħdet il-Furjana għall-festa li kienet issir fuq il-Fosos.

F'Diċembru 1980 kienu serqulha d-deheb u l-fidda li kellha fuqha u fin-niċċa. Fl-1992 ġiet imġedda mill-istatwarju Michael Camilleri Cauchi u ttieħdet Għawdex fl-istudju tiegħu.

Is-solennità ta' San Ġużepp kienet u għadha ssir fid-19 ta' Marzu (fi żmien ir-Randan) iżda f'Bormla l-festa kienet issir fit-tielet Ħadd wara l-Għid il-Kbir bil-purċissjoni filgħaxija. Mis-snin 70 il-purċissjoni bdiet issir wara l-quddiesa filgħodu l-Ħadd. Mis-sena 1996 bdiet issir il-Ġimgħa filgħaxija bil-purċissjoni wara l-quddiesa.

Abram Gatt twieled f'Bormla fl-4 ta' Ottubru 1863 u miet f'Ħaż-Żebbuġ fit-28 ta' Mejju 1944. Midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. Ismu jibqa' mfakkar u mfaħħar fl-istatwi u xogħlijiet li ħalla warajh.